QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T' APRIL 2002

Avviz Nru 124/02DM

KPMG Corporate Services Limited

Vs

Global Software Development Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' Lm4,347.00 (erbat elef tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin) somma dovuta ghas-servizzi professjonali rezi kif jidher mill-istatement anness mal-avviz u mmarkat bhala dokument A.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta li gie ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma derux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu rapprezentant fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara l-Qorti rat id-dokument esibiti u semghet bil-gurament lil Joseph Camilleri Bowman ghall- kumpanija attrici issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ;

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm4,347.00 (erbat elef tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-13 ta' Frar 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ38